**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum id-19 ta' Novembru 2024**

**Rikors numru: BCT/46/2024**

**RD Consultants Limited**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mis-soċjeta' appellant fejn hija premettiet u talbet is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors huwa appell fir-rigward ta' Avviz ta' Infurzar mahrug fid-29 ta' Lulju 2024 (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok A).*

2. *Illi l-appellant kien qed jaġixxi bħala l-uffiċjal tekniku tas-sit fis-sit 4, Sunflower, Dawret Hal Ghaxaq, Triq Birzebbuga, Ghaxaq, fejn kienet qed taħdem is-soċjeta' Polidano Brothers Limited.*

3. *Illi permezz ta' dan l-Avviż, l-Awtorita' għarrfet lill-appellant illi:*
*Fis-26 ta' Lulju 2024 kif ukoll fil-ġranet / fix-xhur ta' qabel, saru xogħlijiet ta' demolizzjoni li mhux konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, senjatament minħabba li nqast mir- responsabbilitajiet tiegħek għall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu.*

4. *Illi l-appellant hassu aggravat minn din id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu u minnha qed jinterponi dan l-umli appell;*

5. *Illi l-ewwel l-aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-appellant mexa b'mod assolut mar-rekwiżiti li jemerġu mir-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06, u b'mod speċifiku mal-obbligu tal-ħarsien tas-sigurta' ta' terzi u l-propjeta' tagħhom;*

*6. Illi jidher illi l-avviż inħareġ abbażi tal-fatt illi fid-Dikjarazzjoni tal-Metodu ġie stabbilit li se jintuża excavator bil-musmar waqt l-iskavar mentri, minnflok, intuża excavator bil-grapple fl-eżekuzzjoni tax-xogħol.*

*7. Illi l-appellant ma ħassx il-ħtieġa li jinfurza id-*dikjarazzjoni *tal-metodu f'dan ir-rigward għaliex id-deċiżjoni li jintuża il-grapple saret abbażi ta' konsiderazzjonijiet serji ta' sigurtà u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' terzi li għandhom proprjetajiet madwar is-sit in kwistjoni.*

*8. Illi dan qed jingħad fid-*dawl *tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:*

*a. L-excavator bil-grapple jippermetti lill-operatur ikollu iktar kontroll fuq il-materjal li jkun qed iġorr, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju li jiġu kkawżati xi ħsarat fil-*proprjetajiet *li jinsabu ħdejn is-*sit.

*b. Ill apparti minn hekk, meta mqabbel mal-musmar, il-grapple jiġġenera inqas vibrazzjoni u storbju. Dan mhux biss jgħin fil-*protezzjoni *tal-operatur u tal-ħaddiema oħra fuq is-sit, iżda wkoll jnaqqas ir-riskju ta' ħsara strutturali lil bini ta' terzi li jinsabu viċini tas-*sit.

*c.* Konsegwentement, *ir-riskju ta' ħsara strutturali għal bini u strutturi ta' terzi fil-madwar jonqos b'mod konsiderevoli. Dan huwa kruċjali għaliex kwalunkwe vibrazzjoni eċċessiva tista' tikkawża ħsarat irreversibbli fl-*istrutturi *tal-madwar.*

*d. Il-fatt li jkun hemm inqas storbju u vibrazzjoni jgħin biex il-*komunità *ta' madwar tkun inqas affettwata mix-xogħol.*

*9. Illi fid-dawl tas-suespost, b'kull dovut rispett lejn l-Awtorita' appellata, huwa inkonċepibbli kif l-appellat qed jiġi penalizzat għaliex ma waqqafx lill-kuntrattur milli juża makkinarju li huwa ħafna inqas perikoluż u li jista' jikkawża ħafna inqas ħsarat fl-istrutturi tal-madwar mill-makkinarju stipulat fid-dikjarazzjoni tal-metodu.*

*10. Illi għaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jilqa' dan 1-aggravju;*

*11. Illi r-rimedju mfittex mill-appellanti huwa t-thassir u r-revoka tad-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-appellant filwaqt li jirrizerva d-dritt li jressaq provi ulterjuri u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka u jhassar l-Avviz tal-Infurzar u d-decizjoni mehudha mill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni fl-ismijiet u d-dati premessi u dan taht kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni u b'rizerva ta'kull azzjoni ohra legali spettanti lill-appellanti.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi d-dikjarazzjoni tal-metodu huwa dokument essenzjali u li kull varjazzjoni li ssir fih ghandna l-ewwel tkun awtorizzata mil-Awtorita'. Huwa mmaterjali jekk l-ingenji li ntużaw kienux effettivament iktar siguri jew le, dan ma setghax jsir minghajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorita*

3. *Qeghdin jkunu annessi ma din ir-risposta id-dikjarazzjoni tal-metodu, immarkat bhala Dok A, kif ukoll ritratti relevanti ghal kaz odjern, immarkati bhala Dok B.*

4. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħd umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra***

Dan l-appell jikkonċerna avviż maħruġ mill-Awtorita' intimata datat id-29 ta' Lulju, 2024 li permezz tiegħu imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000) u kif ukoll it-twaqqif ta' kull żvilupp fis-sit li jinstab f' 4, Sunflower, Dawret Ħal-Għaxaq, Triq Birżebbuga, Għaxaq. Il-bażi ta' dan l-avviż hija li saru xogħlijiet ta' demolizzjoni li m'humiex konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 u mad-dikjarazzjoni tal-metodu provdut lill-istess Awtorita'.

It-Tribunal Ikkunsidra x-xhieda dettaljata u grafika tar-rappreżentant tal-kuntrattur Polidano Brothers limited, Ian Napier li f'xhieda mill-aktar innovativa, spjega permezz ta' mudelli l-mod ta' kif jopera il-makkinarju li ġie imniżżel fuq id-dikjarazzjoni tal-metodu u l-makkinarju li ġie fattwalment użat mill-kuntrattur. In vista' ta' dan, l-appellant ma huwiex jikkontesta li ġie użat makkinarju li huwa differenti minn dak imniżżel fuq id-dikjarazzjoni metodu. Iżda d-difiża primarja tal-appellant, hekk kif spjegat minn Ian Napier, hija li l-makkinarju użat huwa aħjar mill-excavator li ġiet indikata fid-dikjarazzjoni tal-metodu. Hu jispjega li l-makkinarju użat ma jagħmilx ħsara lill-asfalt peress li jopera b'roti u mhux ktajjen. Jispjega ukoll li dan il-makkinarju għandu forma ta' grappa minflok it-tipiku *bucket* li jkollu excavator u permezz ta' din l-għodda ma jkunx hemm frak u ġebel li jaqa' minn ġol-*bucket* iżda jitqiegħed direttament ġot-trakkijiet. Dan joffri aktar preċiżjoni u kontroll fuq dak li qed jinqabad. Di piu' peress li l-kabina tista' tgħola sa żewġ sulari, l-operatur ikollu viżibilita' aħjar ta' dak li qed jiġi maqbud.

Xehed ukoll il-Perit Joseph Barbara li kkonferma li l-ħsieb wara l-użu tal-makkinarju li donnu huwa magħruf bħala '*grabber'* kien sabiex ikun ta' avvanz fuq l-*excavator*. Hu spjega li dan kien ta' avvanz kemm minn aspett ta' trabijiet u kif ukoll minn aspett ta' saħħa u sigurta'.

It-Tribunal jinnota li ma sar l-ebda kontro-eżami tal-uniċi żewġ xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri u l-Awtorita' għażlet li ma tressaq ebda xhud f'dawn il-proċeduri. In fatti l-uniku evidenza li ressqet l-Awtorita' kienu sett ta' ritratti u d-dikjarazzjoni tal-metodu għas-sit in kwistjoni.

L-Awtorita' targumenta li l-uffiċjal tekniku xorta kellu l-obbligu li jaġġorna d-dikjarazzjoni tal-metodu u jinforma lill-Awtorita' bil-bidla fil-makkinarju. In fatti sussegwentament għall-avviż saret din il-bidla, liema bidla ġiet approvata.

***Konsiderazzjonijiet***

It-Tribunal jibda biex jagħmel referenza għal sub-artikoli 10(1) u 10(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 li jgħid:

> *10.(1) Meta l-uffiċjal tekniku fuq is-sit jiġi f'dubju dwar kif ix-xogħolijiet għandhom jipproċedu, huwa għandu jwaqqaf ix-xogħol u jitlob id-direzzjoni tal-perit li jkun ħejja d-dikjarazzjoni tal-metodu.*
>
> *(2) Il-uffiċjal tekniku fuq is-sit għandu jiżgura li l-kuntrattur jaderixxi mal-obbligi kollha tagħhom kif disposti f'dawn ir-regolamenti. F'każ li l-uffiċjal tekniku fuq is-sit jinnotakwalunkwe ksur ta' dawn ir-regolamenti għandu minnufih iwaqqaf ix-xogħol u jinnotifika lil-perit/i inkarigat/i u l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini.*

It-Tribunal jagħmel referenza ukoll għal-sub-artikolu 13(1)(ċ) li jagħti s-setgħa lid-Direttur tal-Awtorita' intimata li joħroġ avviż:

> *(ċ) jekk ix-xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar jewkostruzzjoni mhumiex qed jiġu eżegwiti skont id-dikjarazzjoni tal-metodu jew skont ir-regolamenti; jew*

Dan meqjus, it-Tribunal iqis li l-uffiċjal tekniku fuq is-sit, u ċioe' s-soċjeta' appellanta kienet responsabbli mill-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu. Dan joħroġ ċar ukoll mid-definizzjoni mogħtija mill-istess Leġislazzjoni Sussidjarja.

Mill-provi prodotti irriżulta evidenti li l-makkinarju magħżul mill-kuntrattur sabiex jagħmel parti mix-xogħol ta' skavar kien intiż sabiex jipprovdi għal proċess ta' skavar li huwa aktar sigur u li fl-aħħar mill-aħħar jista' jkun ta' anqas inkonvenjent. Dan ma huwiex ikkontestat u t-Tribunal qed jabbraċċah. Minkejja dan it-Tribunal jifhem ukoll il-posizzjoni tal-Awtorita' li kwalunkwe tibdil irid jinġieb għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tagħha, minkejja li jista' jkun li hija ma jkolliex oposizzjoni għaliha. It-Tribunal iqis li l-Awtorita' ma tantx tista' terħi minn din s-setgħa li ttiha l-liġi li tapprova kwalunkwe tibdil fl-infurzar ta' dikjarazzjoni tal-metodu. Jekk tagħmel dan tpoġġi lilha nfisha f'posizzjoni pjuttost stramba li għal kull bidla, żgħira kemm hi żgħira, fl-infurzar ta' dikjarazzjoni tal-metodu hija jkollha tagħmel l-eżami jekk dan it-tali tibdil huwiex wieħed li jimmerita l-awtorizzazzjoni tagħha jew le. Kawża ta' dan l-Awtorita' titpoġġa f'posizzjoni li jkollha tagħżel fejn ser taqta' linja bejn dak li huwa tibdil maġġuri u dak li huwa minuri, jew dak li huwa ta' titjieb jew le. It-Tribunal jifhem li dan jista' jkun ta' preġudizzju fl-operat tal-Awtorita' u allura hija tadotta r-riga li kwalunkwe tibdil għandu jinġieb għall-approvazzjoni tagħha qabel dan isir.

Ma huwiex ikkontestat li dan ma sarx u allura b'applikazzjoni stretta tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, l-Awtorita' għaddiet sabiex ħarġet l-avviż in kwistjoni. Dan huwa każ klassiku ta' 'Dura lex, Sed Lex'. In vista' ta' dan it-Tribunal iqis li l-Awtorita' kienet korretta li tikkonkludi li l-fatt li ma ġietx infurmata bil-bidla bil-makkinarju kien nuqqas minnu nnifsu.

It-Tribunal ser jgħaddi issa sabiex iqis l-penali imposta u t-twaqqif tax-xogħlijiet fis-sit in kwistjoni. Bla tlaqliq it-Tribunal iqis li l-multa ta' elfejn euro u kif ukoll t-twaqqif tax-xogħlijiet kienet multa ħarxa u eċċessiva għall-aħħar. Għaldaqstant dan it-Tribunal, wara li qies l-fatti speċie kollha tal-każ u l-ġenwinita' tas-soċjeta' appellanti, iqis li n-nuqqas tas-soċjeta' appellanti kien wieħed purament amministrattiv u li ma kellu ebda impatt negattiv fuq terzi. Għaldaqstant it-Tribunal ser ikun qed jirrevoka l-ordni li permezz tagħha waqfet ix-xogħlijiet in kwistjoni u ser jirriduċi l-penali amministrattiva fl-ammont ta' mitejn euro (€200).

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq it-Tribunal jilqa’ l-appell in parte u filwaqt li jsib l-appellant responsabbli għan-nuqqas li jara li d-dikjarazzjoni tal-metodu tiġi infurzata, qed jirrevoka l-ordni li permezz tagħha waqfet ix-xogħlijiet fis-sit li jinstab f’ 4, Sunflower, Dawret Ħal-Għaxaq, Triq Birżebbuga, Għaxaq, u qed jirriduċi l-penali amministrattiva għal mitejn euro (€200).

*****************KOPJA VERA TAL-ORIĠINAL*****************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Robert Sarsero** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |